**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru dsatax (19) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 18 ta' Frar, 2014, fis-6:15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Viċi Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Maria Zammit | Ambaxxatur |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻAT: | Michel Farrugia | Kunsillier |

1. Is-Sindku, Nicholas Briffa ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-laqgħa bdiet ftit tard minħabba li fis-6.00pm, is-SE wera l-*power point show* li tħejja biex jintwera lill-pubbliku fil-laqgħa pubblika li se jorganizza l-KLM fil-jiem li ġejjin.

3. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu approvati u ffirmat b'żieda ta' amenda li għamel Paul Spiteri fejn skuża lill-Michel Farrugia mill-laqgħa numru tmintax, kif ukoll minn dik tal-llum.

4. Maria Zammit tat aktar tagħrif dwar il-laqgħa tal-Meusac, li nżammet mas-Sur Albert Delia li kienet tirrigwardja liż-żgħażagħ. Hija qalet illi kemm-il darba l-Meusac taħseb li l-proġett propost hu ta' ġid, huma jkunu jistgħu jagħmlu laqgħa magħna. Hija qalet illi l-ħsieb wara l-programm Erasmus hu li jnaqqas ir-rata ta' studenti li jħallu l-bankijiet tal-iskola kmieni, jippromwovi l-mobilita' tal-individwu u jidentifika imsieħba strateġiċi biex jeduka u jħarreġ bħal per eżempju bil-kostruzzjoni ta' *mobile phone application.*

5. Dwar il-laqgħa li attendiet għaliha il-Viċi Sindku, Charlene Zammit, qalet illi nhar il-15 ta' Frar, tnieda l-Kunsill taż-żgħażagħ għal din is-sena. Għaldaqstant, propju għada il-*Youth Worker* Antoinette Aquilina, se tagħmel laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba.

6. Kien diskuss il-Budget 2014. Hawn Charlene qalet illi mill-aħħar *draft* inbidlu biss il-pagi tal-ħaddiema biex ikunu jirriflettu ż-żieda tal-għoli tal-ħajja. Nicholas Briffa qal illi l-budget ma missejniehx, filwaqt li aħna ċerti illi se nibbenefikaw minn €10,000 mill-fond għat-titjib urban tal-MEPA. Dan il-*budget* ġie approvat kif inhu kemm-il darba fil-laqgħa pubblika ma tqumx xi *issue* li tbiddel il-prijoritajiet tal-Kunsill. Se ssir c*overing letter* sabiex il-gvern ma jinfurzax fuqna r-*ring fencing* u jġiegħlna nallokaw daqs kemm qed jirrakkomanda hu, skont il-*breakdown* tal-allokazzjoni finanzjarja, għall-manutenzjoni tat-toroq. Dan intqal fl-isfond tal-previżjon ta' €21,000 għall-manutenzjoni tat-toroq, peress li kien mitmum il-proġett pilota tat-toroq fl-Imqabba. Grace Marie Mallia qalet illi fl-opinjoni tagħha l-fondi allokati għall-*allowance* tal-kunsillieri huma *overstated.* Intant is-SE kien awtorizzat jibbaża it-*Three Year Plan* b'żieda ta' 1% kemm fl-ispiża kif ukoll fid-dħul għall-2015 u l-2016.

7. Intant kien diskuss id-dejn tal-KLM li għandu ma' Asfaltar Ltd, primarjament it-trinka li kien ħaffer il-kuntrattur Spekna f'isem Asfaltar Ltd, li propju din il-ġimgħa irċevejna l-kont tagħha. Hawn is-Sindku qal li dan ix-xogħol sar madwar 5 snin ilu. Charlene Zammit qalet li għaldaqstant din issa saret preskritta filwaqt li Grace Marie Mallia qalet li trieġi l-*istatement* l-antika ta' Asfaltar Ltd fejn jidher li dan ix-xogħol inqabeż. B'riferenza għal-*payment request form* numru 455, No 25-27 fejn jidher li l-leġislatura l-oħra ma kienetx approvat ix-xogħol, Nicholas Briffa qal illi hu jiftakar lill-eks Sindku, Noel Galea jgħid illi ma kienx jaf fejn sar il-*major patching* li jirreferu għalih *invoices* oħrajn ta' Asfaltar Ltd li kienu wkoll diskussi. Is-

Sindku qal li jidher li wara li ma ġewx approvati l-pagamenti lill-Asfaltar Ltd, qatt ma ġie nfurmat b'dan.

8. Kien hemm suġġeriment mis-Sindku illi ninfurmaw lill-Asfaltar Ltd u ngħidulu formalment li dawn l-ammont ma kienux approvati filwaqt li s-SE qal li jiftakar fil-*major patch* li kienet saret ftit 'il fuq mill-ispiżerija fi Triq Santa Katerina, kif ukoll fl-aħħar fażi tal-asfaltar tal-parti l-wiesgħa fi Triq il-Fjuri. Xi kunsillieri talbu lis-SE jara jekk kienx hemm dokumentazzjonini filwaqt li Paul Spiteri qal li jekk kien sar ix-xogħol, ma jkunx ġust ma' Asfaltar Ltd li ma jitħallasx, filwaqt li hu bżonjuż li nispecifikaw jekk hux *major patching* jew *re-works.*

9. Dwar l-attivita' kulturali li kien ser jorganizza l-KLM, Grace Marie Mallia ipproponiet illi din tkun posposta mis-26 ta' Marzu għall-20 tax-xahar. Din l-attivita' tinkludi rikba fuq it-trenn mingħajr binarji ġewwa l-lokalita' ta' Buġibba.

10. Dwar il-*Water Fight,* Paul Spiteri kien se jibbukkja l-ground tal-Każin tal-Futbok bejn id-9:00am u nofs in-nhar għal €100. Intant din issa wkoll kienet posposta għall-week-end ta' wara l-Għid il-Kbir.

11. Kienet diskussa l-ħarġa lejn Sqallija fejn s'issa għad m'għandniex stimi tal-prezz minn għand il-kumpaniji tal-ivvjaġġar. Is-Sindku informa lill-membri li għal issa mhux ser nagħmluha.

12. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba ikkunsidra mozzjoni (proposta permezz ta' Memo 1/2014) ippreżentata mis-Sindku li kienet sekondata minn Paul Spiteri biex jinxtraw b'kemm jiswew €300 f'kotba, u daqshekk ieħor li se nixtruhom aħna wkoll, u nieħdu refużjoni minn Skema Lokali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Intant Charlene Zammit qalet illi hemm bżonn li jinxtraw kotba li jappellaw għall-ġenerazzjoni żgħażugħa u bħala eżempju semmiet is-*Shopaholic Series* ta' *Sophie Kinsella* filwaqt li s-SE kien mitlub sabiex jistaqsi kemm lill-librara kif ukoll il-Kap tal-Iskola, liema huma l-aktar kotba li qed ifittxu it-tfal u l-kbar kif ukoll liema huma utli l-aktar u għandhom livell tajjeb ta' letteratura.

13. Is-SE attenda l-laqgħa organizzata mill-Kumitat Konġunt permezz tas-Sindku taż-Żejtun dwar il-ħruġ tal-kuntratt tal-manutenzjoni tal-lampi tat-toroq. Is-Sindku qal li dan il-punt kien ukoll diskuss fir-Reġjun tan-Nofs-in-nhar ukoll. Intant, matul din il-laqgħa, ttieħdet deċizjoni biex ninqatgħu minn mal-Kumitat Konġunt taż-Żejtun, kif konna għal dawn l-aħħar snin u nissieħbu mar-Reġjun tan-Nofs-in-nhar biex ikun jista' jipproċedi bil-ħruġ tal-offerta pubblika konġunta. Is-SE għandu jinforma lill-partijiet kollha b'din id-deċiżjoni.

14. Għall-*party* tal-karnival li se jorganizza l-Kunsill fl-Iskola Primarja tal-Imqabba, is-Sindku informa lill-kunsillieri illi l-Kap tal-Iskola mhux se tieħu il-miżata ta' €120 biex nagħmlu użu mis-sala tal-Iskola. Intant kien deċiż illi ssir prinjolata (stima formali ppreżentata minn Paul Spiteri) minn għand James Caterers li tiswa 50c għal kull tifel u tifla, filwaqt li kienu approvati €118 għall-animazzjoni permezz ta' buffu li se jipprovdih Mario Camilleri fuq proposta tas-Sindku.

15. Intant nhar is-17 ta' Frar, is-Sindku u s-SE, iltaqgħu ma' erba' kumpaniji taż-żfin li se jikkontribwixxu fl-attivita' l-oħra tal-karnival imsejħa il-Karnival taż-Żfin. Nicholas Briffa qal li għal din il-laqgħa attendew rappreżentanti minn *Strictly Dance Centre* ta' Mario Schembri, *Vogue Dancers, Keith Dance Studio,* u *Acqua Blue.* Dawn kollha ikkonfermaw li se jiġu filwaqt li kkonfermaw ukoll minkejja li ma ġewx għal din il-laqgħa is-*Southern Stars, Artemocion Dance Studio* u *Dancing Angels.* Il-KLM ta wkoll l-approvazzjoni tiegħu biex jagħmel użu mis-servizzi ta' Joe Demicoli li se joħdilna €150 flok €200 ta' sagħtejn (m'għandniex stima formali), ix-xiri ta' 8 *trophys* minn għand *Horace Enterprises* għal €120 u s-servizzi ta' *compare'* minn Zvetlana Muscat għal €80. Il-kantanta Federica Falzon se tkun ukoll qed tagħti is-servizzi tagħha.

16. Is-Sibt 22 ta' Frar, il-Kunsill Lokali tal-Imqabba mistieden mill-Parroċċa tal-Imqabba jattendi għall-Quddiesa tal-E.T. Arċisqof Pawlu Cremona biex timmarka il-bidu taż-żjara pastorali tiegħu fir-raħal tal-Imqabba, filwaqt illi nhar is-6 ta' Marzu, l-E.T. se jiltaqa' fis-7.00pm mas-soċjeta' ċivili fil-Kappella ta' San Bażilju u għaldaqstant se jkun hemm il-KLM.

17. Kien approvat b'mod sħiħ il-*performance bonus* tas-Anthony Bonello, Valerie Galea u Kylie Fenech għas-sena finanzjarja 2013. Is-SE irringrazzja lill-kunsillieri tal-apprezzament u s-sostenn filwaqt li fil-każ tiegħu dan se jkun ikkomunikat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għaliex ikun jonqos l-approvazzjoni tiegħu.

18. Is-Sindku issuġġerixxa li l-KLM japplika għal skema lokali imnedija mill-Ministeru tal-Anzjanita' Attiva' li hija bbażata fuq l-aċċessibilita' sabiex tiġi rranġata parti mill-bankina maqluba ta' Triq K. Ciantar, parti minn dik fi Triq il-Barumbara, parti oħra fi Triq il-Kileb u fuq kollox innaddfu t-toroq tagħna mill-ostakoli kollha li wieħed isib biex jimxi fihom. Din il-kampanja se tieħu l-forma ta' waħda edukattiva, filwaqt li s-SE se jkun qed jimla' *draft* ta' dan is-suġġeriment li għalih, l-istess skema, tesiġi li l-Kunsilli jonfqu minimu ta' €3,000 f'investiment. Madankollu, hemm madwar €25,000 fi premjijiet.

19. Bi preparazzjoni għall-kors tal-computer, is-Sindku qal li għandna diversi li applikaw u jonqos li nsibu għalliem. Is-Sur John Sciberras hu maħsub li jqabbad il-*computers* man-network tal-iskola. Intant, kien suġġerit ukoll li nesploraw jekk dawn il-computers hux possibbli li jkunu mislufa mill-ETC.

20. Nicholas Briffa informa lill-kunsillieri illi dalwaqt se jibda l-kors tal-*cake decoration* li fl-aħħar mumenti ikkanċella li jagħmlu Manuel ta' Aroma Kitchen. Dan issa se jsir minn persuna oħra, filwaqt li kienu wkoll suġġeriti kokijiet tal-ITS.

21. Is-sezzjoni tal-*First Aid Course* se ssir nhar is-26 ta' Frar, 2014, fl-Isptar il-Qadim minn infermiera.

22. Charlene Zammit staqseit f'hiex wasal ix-xiri tat-tieni (park) bank fi Triq Karmenu Ciantar li s-Sindku qal li se jkun qed jiswina €364.62 minn għand l-Eng Anton Zarb u li kien ġie approvat.

23. Charlene Zammit infurmat lill-kunsillieri ukoll, illi rċeviet *e-mail* tgħid li l-parteċipazzjoni tagħna fil-proġett tal-*exchange* taż-żgħażagħ, ma kienetx approvat minħabba teknikalita' fil-mili tal-applikazzjoni, minn naħa ta' *Terra di Mezzo 2000*. Dan kien proġett konġunt ma' organizzazzjoni fl-Italja.

24. Is-sindku se jiltaqa' mal-Ministru tat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Onor Joe Mizzi dwar il-bżonn li jinbena ġibjun addizzjonali ieħor fl-inħawi ta' Triq Ganni Darmanin biex jilqa' għall-ammonti kbar ta' ilma tax-xita. Hu qal li se jirrapporta dak kollu li jkun intqal fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill li se ssir nhar il-11 ta' Marzu, 2014.

25. Is-SE qassam *hard copies* tal-kodiċi tal-etika kif ukoll tal-liġi tal-Kunsilli Lokali kif kien ordnat jagħmel mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-kunsillieri iffirmawlu fuq il-formula apposta li rċevewhom kif ukoll sabiex tibda' taħdem sistema ta' *Sms alerts* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

26. Is-Sindku informa lill-kunsillieri illi nhar l-24 ta' Frar, hu u s-SE se jkunu qed jingħataw għotja biex ikunu organizzati l-attivitajiet kulturali fir-raħal tagħna matul l-2014. Hekk kif inkunu nafu kemm se jkunu l-fondi, dawn se jżommu lil kulħadd infurmat.

27. Is-Sindku informa lill-kunsillieri illi infetħet il-kantina tal-Isptar il-Qadim mill-ħaddiema tal-*IPSL* u tal-*Community Works Scheme* u qed jitneħħa l-konkos, ġebel u terrapien.

28. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 477.

29. Il-laqgħa ntemmet fid-20:55.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*11/03/2014 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |